# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 505/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Soumia Mansouri**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanta, Soumia Mansouri, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 33471A quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa tas-Sliema, fl-10 ta' Novembru, 2014 u fil-granet ta' qabel, b'ikel, b'xorb, b'medicini jew bi vjolenza, jew b'kull mezz iehor ikkagunat abort ta' mara tqila cioe' Raya Sellami (ID 33471A) u/jew persuna ohra. Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Novembru, 2014 li biha fuq ammissjoni, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u kkundannatha ghal piena ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kienu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin;

Ai termini tal-Artikoli 392C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-hatja sabiex thallas nofs l-ispejjez tal-esperti li kienu nominati fl-istadju tal-inkjesta dwar dan il-kaz, l-ammont ta' liema spejjez ghandu jkun stabbilit mir-Registratur hekk kif l-istess esperti jipprezentaw ir-relazzjoni taghhom jew jinghalaq il-process verbal, skond il-kaz;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Soumia Mansouri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata u tilliberaha minn kull htija u piena.;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Semghet il-provi;

Semghet lid-difensur tal-appellanta u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellanta adiet lil din il-Qorti bl-appell odjern bil-gravami singolari li qed tkun hawn riprodotta: "*Illi l-ammissjoni tal-esponenti kienet wahda ivvizjata u dan ghaliex din kienet msejsa fuq l-informazzjoni skorretta li kienet giet provduta mill-prosekuzzjoni u liema informazzjoni giet allura hekk skorrettament moghtija bi ksur tal-obbligu tal-full disclosure impost fuq l-istess prosekuzzjoni u dan hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell. Bizzejjed jinghad illi a bazi tal-fatti li effettivament irrizultaw, ma seta' qatt kien hemm sejbien ta' htija u dan in vista tal-impossibilita tat-twettiq tar-reat fic-cirkostanzi suriferiti.*".

2. Il-fatti ta' dan il-kaz imorru lura ghal-Novembru 2014 meta l-appellata tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex twiegeb ghall-imputazzjoni li kkagunat abort ta' mara tqila ghal-liema imputazzjoni rregistrat ammissjoni fl-ewwel seduta. Wara li inghatat zmien sabiex tirrifletti dwar il-konsegwenzi tad-dikjarazzjoni taghha, zammet ferm mal-ammissjoni u l-ewwel Qorti ghaddiet biex tipprolata s-sentenza mertu tal-appell odjern. Wara l-ghoti tas-sentenza, l-appellanta tghid li giet a konjizzjoni ta' fatti li, kieku kienet taf bihom qabel, ma kienitx tirregistra ammissjoni u kienet tikkontesta l-imputazzjoni;

3. Din il-Qorti, wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-appellanta in rigward, u tenut li din kienet meqjusa bhala cirkostanza specjali, l-Qorti ghazlet illi tisma' bil-gurament liz-zewg Ufficcjali Prosekuturi u ordnat ukoll illi jkun ezebit il-*proces verbal* dwar l-allegat abort;

4. L-Ispettur Spiridione Zammit xehed illi fid-9 ta' Novembru 2014 il-Pulizija tal-Ghassa Hamrun kienet irceviet rapport minn Dr. Bridgitte Gafa illi persuna kienet ammessa l-Emergenza tal-Isptar Mater Dei issofri minn ugiegh f'zaqqha. Ezami tal-pazjenta rrenda hames pilloli misjuba fil-parti taghha u l-pazjenta kienet qalet li dawn hadithom biex taghmel abort tat-tarbija ta' madwar seba gimghat. Il-Pulizija kienet infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa u infethet inkejsta bin-nomina ta' diversi esperti sabiex jassistu lill-Magistrat Inkwirenti. Il-

pilloli kienu fotografati u prezervati minn membri tat-taqsima forensika u mghoddija lill-espert tal-Qorti

5. Il-pazjenta kienet fil-fatt abortiet u inzammet l-Isptar fejn iddikjarat illi kienet ikkunsmat xi pilloli u qieghdet ohrajn fil-parti taghha bl-assistenza tal-appellanta minghand min kienet akkwistat dawn il-pilloli. Ix-xhud cahad li wara li tressqu sia l-appellanta kif ukoll il-pazjenta kienet harget informazzjoni li l-pazjenta qatt ma kienet tqila. Meta l-appellanta tressqet il-Qorti, il-konkluzzjonijiet tal-esperti Dr. Mario Scerri u Dr. Ali Safraz ma kienux ghadhom inseriti fl-atti. Huwa ressaq lill-appellanta fuq l-informazzjoni fornuta mill-pazjenta illi Mansouri kienet prokurat lilha l-pilloli biex taborti t-tarbija;

6. L-Ispettur Joseph Busuttil xehed illi waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija, kien talab lil-Magistrat tal-Ghassa tinizzja inkjesta fid-9 ta' Novembru, 2014. Fil-kors tal-inkjesta kien talab lill-Magistrat Inkwirenti l-awtorizzazzjoni sabiex jikkomunika mal-esperti mahtura mill-Magistrat liema talba kienet milqugha. Ghalhekk ghadda biex jikkomunika ma' Dr. Mario Scerri u Dr. Ali Salfraz u possibilment ukoll ma Dr. Igor Knyazev. Dr. Salfraz kien infurmah illi kien hemm fetu, ossia partijiet minn fetu, izda ma kienx cert jekk dan kienx ghadu haj meta l-pazjenta dahlet l-Isptar jew le. Ghalhekk ghadda sabiex jitkellem ma' Dr. Igor Knyazev li flimkien ma' Marie Lou Marshall kienu precedentement ghamlu *ultrasound* fuq il-pazjenta u kienu rrapurtaw is-segwenti: "*The portable ultrasoundography performed by me – pain has got worse and a live inter uterim pregnancy was seen during the study*". Ix-xhud ghamel referenza ghall-korrispondenza li ghaddiet bejnu u Dr. Knyazew u ccita partijiet mill-istess;

7. F'dik il-korrispondenza Dr. Knyazev ddikjara hekk, skond ix-xhud: "*I am a resident specialist in OB Gyny on call. Raya Sellami Zammit was seen at Ops 2 as emergency consultation with excruciating lower abdominal pain at 4:15pm. / On admission patient confirmed that she is pregnant 7/40 and had mild bleeding and abdominal pain since pm.*

*On examination, patient was febral 37.8C and due to no other symptoms was immediately asked about any invasive procedure to provoka an abortion. She refused any procedures. During vaginal examination a small amount of blood and four hexagonal tablets were found around the ... which are highly suspicious to be cytotec ... and vaginal and rinsed with water and swabbed. They have been carefully examined and no lesions were found on them. Patient confirmed that she was given those tablets from Tunis about two years ago. She put them by herself vaginally to stop lower abominal pain*". L-istess tabib kien iccertifika illi meta ezaminatha lill pazjenta kien hemm *"a fetal heart beat*" u wara li tnehhew il-pilloli ma kienx hemm aktar *heart beat*. Ix-xhud iddikjara ukoll illi qabel ma interroga lill-appellanta kien infurmaha b'dan kollu u kien informa ukoll lill-avukat difensur taghha qabel ma dahlu fl-awla tal-Qorti fejn tressqet bl-arrest;

8. B'digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Mejju, 2016 kienet milqghua t-talba tal-appellanta sabiex ikun inserit il-*proces verbal* tal-inkjesta ordnata mill- Magistrat Inkwirenti. Ezami tal-istess juri illi l-inkjesta kienet ordnata fid-9 ta' Novembru, 2017 wara rapport tal-Ispettur Spiridione Zammit u mghaluqa fit-30 ta' Dicembru, 2017 wara talba ghall-gheluq taghha mill-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' nota tad-19 ta' Novembru, 2017.

9. Jemergi minn dan il-*proces verbal* is-segwenti:

(a) Dr. Ali Salfraz kien ipprezenta ir-relazzjoni tieghu lill-Magistrat Inkwirenti fit-18 ta' Novembru, 2014 li kkonkluda illi "*The specimen received is that of products of conception. The gestational age (duration of pregnancy) is estimated to be between 6 and 8 weeks);*

(b) Ix-Xjenzat Godwin Sammut pprezenta r-relazzjoni tieghu lill-Magistrat Inkwirenti fis-26 ta' Novembru, 2014. Il-kampjun 274-14-01 (pilloli) rrizulta negattiv ghat-test ghal-droga.

(c) L-Ispecjalista fil-Medicina Forensika, Dr. Mario Scerri, pprezenta r-relazzjoni tieghu fil-15 ta' Dicembru, 2014. F'din ir-

relazzjoni Dr. Scerri rcieva d-deposizzjoni ta' Dr. Igor Knyazev u ra l-*ultrasound* maghmul fuq Raya Sallami Zammit mill-liena ezami rrizulta li kien hemm *foetal echoes.* Hija inzammet l-isptar u matul il-lejl "din kellha demm *per vaginum* u l-prodott li hareg, li kien jixbah il-*products of conception (POC),* gew mghoddija lil Dr. Ali Salfraz. Illi sussegwentement Raya Sallami Zammit iffirmat *discharge at request* kontra l-parir tat-tobba u din inzammet mill-pulizija izda l-esponent ta parir lill-ispettur Busutttil sabiex jerga' johodha lura l-isptar u jittiehed *ultrasound* iehor. Illi fil-fatt din regghet iddahlet l-isptar u nzammet l-Isptar Mater Dei fejn ittiehed *ultrasound* iehor fejn gie konfermat illi l-fetu ma kienx ghadu vijabbli. Fil-konkluzzjoni tieghu, Dr. Scerri jghid illi "sussegwentement [ghas-somministrazzjoni tal-pilloli ctotac] gie induced il-hlas, il-fetu ma baqax vijabbli u hareg bhala *products of conception (POC)*;"

10. L-appellanta targumenta illi kieku l-Ispetturi Prosekuturi kienu infurmawha bl-ezitu tal-konkluzzjonijiet tal-esperti ma kienitx tirregistra ammissjoni u kienet tikkontesta l-imputazzjoni. Din il-Qorti tammetti illi hija xi ftit jew wisq perplessa bl-argument tal-appellanta meta tramite l-avukat difensur taghha tghid illi kienet infurmata li kienet infethet inkjesta in rigward. L-istess avukat difensur jikkonferma ili anke hu kien infurmat b'dan. Fl-istess waqt, fis-sottomissjoni taghha dwar jekk din il-Qorti kellhiex tawtorizza u tordna li jkun ezebit il-process verbal, l-avukat difensur jghid illi meta l-appellanta kienet qed tikkunsidra l-ammissjoni taghha ma kelhiex bizzejjed informazzjoni u ghalhekk staqsa min kien iddecieda li dawk il-pilloli kienu cytotec, u min iddecieda li dawk kienu l-istess illi Zammit hadet minghandha u mhux ohrajn. Fl-ahhar sottomissjoni imbaghad tghid illi ma kienitx taf bil-konkluzzjoni tal-espert forensiku illi dak li hareg minn Zammit kien product of conception;

11. L-obbligu tal-Pulizija li tinforma lill-arrestat bir-raguni tal-arrest jemergi direttament mill-artikolu 534AB tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Rilevanti ukoll hija l-Iskeda E tal-Kapitolu 9 u anke jekk mhux daqstant dirett, l-artikolu 355AC(2) tal-istess Kap. Fit-termini tal-artikolu 534AB subinciz (c), huwa d-dmir tal-Pulizija jew tal-Qorti, skond il-kaz, li tinforma lill-persuna suspettata jew lill akkuzat bla dewmien bid-drittijiet procedurali *inter alia* d-dritt li jkun infurmat b'mod dettaljat kif necessarju sabiex jigi salvagwardjat li jkun hemm procedura gusta u l-ezercitar effettiv tad-drittijiet tad-difiza ghar-reat li jkun twettaq mill-persuna suspettata jew l-akkuzat. Il-proviso ta' dan is-subartikolu ikompli bil-mod segwenti: "Izda l-persuna suspettata jew l-akkuzat ghandhom minnufih jigu infurmati dwar xi tibdil li jkun sar fl-informazzjoni li tkun inghatat skond dan l-artikolu fejn ikun necessarju sabiex jigi salvagwardjat li jkun hemm procedura gusta"

12. Imbaghad il-parti intestata B – INFORMAZZJONI DWAR L-AKKUZA fl-Iskeda E – tal-Kap 9, tipprovdi hekk: Jekk tigi arrestat, il-pulizija huma fid-dover li jinformawk li fil-fatt inti taht arrest, ukoll jekk l-arrest jista' jidher li hu evidenti. Inti ghandek id-dritt li tkun mgharraf, fil-hin tal-arrest tieghek jew tad-detenzjoni tieghek, bil-lingwa li inti tifhem, bir-ragunijiet tal-arrest jew tad-detenzzjoni tieghek. Jekk gejt arrestat b'mandat mahrug minn Magistrat,, inti ghandek dritt ghall-kopja ta' dan il-mandat li ghandu jkun iffirmat mill-Magistrat li jkun hareg il-mandat fil-konfront tieghek.

13. Il-parti intestata B -ACCESS GHAD-DOKUMENTI imbaghad tipprovdi: Meta tigi arrestat u detenut, inti ghandek, jew l-avukat tieghek ghandu, d-dritt ta' access ghal dokumenti essenzjali necessarji ghall-kontestazzjoni tal-arrest jew d-detenzjoni. Jekk il-kaz tieghek jitressaq il-qorti inti ghandek, jew l-avukat tieghek ghandu, id-dritt ta' access ghall-provi materjali favur jew kontra tieghek.;

14. Issa, huwa inekwivoku illi l-Ispetturi Prosekuturi ma kienux jafu x'kienu il-konkluzzjonijiet tal-esperti qabel ma ressqu lill-appellanta

fid-19 ta' Novembru, 2014. Fid-digriet taghha, l-Magistrat Inkwirtenti ordnat li tinzamm seduta quddiemha nhar is-26 ta' Novembru 2014 sabiex jidhru l-esperti u jaderixxu ruhhom mat-talba tar-rikorrenti biex jikkomunikaw mal-istess esperti. Ghalhekk l-Ispetturi ma kellhom ebda awtorita' jitkellmu mal-esperti tal-Magistrati Inkwirenti u ma kellhom ebda access ghar-relazzjoni taghhom.

15. Fil-kwistjoni hawn devoluta, l-Qorti jehtieg li tkun certa li dak li qed titlob l-appellanta ma huwiex dovut ghall-zball genwin meta ammettiet l-imputazzjoni jew jekk tammontax ghal ripensament dwar l-ammissjoni taghha wara li inghata l-piena konsegwenza tas-sejbien ta' htija. Tajjeb li in rigward issir referenza ghal dak li rriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri** tal-20 ta' Jannar 1995: *"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollezz. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenoke' ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat. Anke recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti".* Insenjament dan citat

b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rainer Grima** tat-12 ta' Mejju 2004 fost ohrajn;

16. Dan l-insenjament huwa ugwalment applikabbli ghall-kaz odjern anke jekk il-motiv tal-appell huwa li l-ammissjoni kienet wahda vizzjata. Fil-kaz in dizamina, meta l-appellanta tressqet quddiem l-ewwel Qorti, sia hi kif ukoll l-avukat difensur taghha kienu infurmati li kienet infethet inkjesta u ghalhekk ma hemm ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti illi l-Pulizija kienet skontat l-obbligu taghha li tinforma lill-appellanta u lill-avukat difensur taghha b'dak kollu li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom sal-mument li fih tressqet quddiem il-Qorti biex twiegeb ghall-fatt imputat. Il-prosekuzzjoni ghazlet illi tipprocedi kontra l-appellanta wara l-informazzjoni li hadet minn Raya Sellami Zammit li kienet l-appellanta li pprokurat il-pilloli ghall-iskop li tabortixxi kif ukoll dik tat-tabib li minn *ultrasound* li ghamel malli ddahhlet l-isptar irrizulta li kien hemm "a live ... pregnancy";

17. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistghax taqbel mal-appellanta illi l-ammissjoni taghha kienet wahda vizzjata bin-nuqqas tal-Pulizija li tghaddilha dik l-informazzjoni jew dokumenti li kienet taf bihom u li setghu ikunu ta' beneficcju ghad-difiza taghha. Tqis, ghal kuntrarju illi l-aggravju tal-appellant huwa ripensament ghall-ammissjoni taghha;

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud u t-terminu ta' tlett (3) snin sospensjoni ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar skont l-artikolu 28A tal-Kaptiolu 9 impost mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha jibda jiddekorri mill-lum u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex terga tispjega fi kliem car l-obbligi tal-appellanta naxxenti minn din is-sentenza